

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000004/2022

lill-Kummissjoni

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

Manon Aubry, Martin Schirdewan, Marc Botenga, Cornelia Ernst, Younous Omarjee, Mick Wallace, Clare Daly, Konstantinos Arvanitis

f'isem il-Grupp The Left

Suġġett: Ħabi mill-Kummissjoni ta' messaġġi skambjati mill-President tagħha mal-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Pfizer matul in-negozjati għall-ordni ta' 1,8 biljun doża ta' vaċċin

Sal-lum, il-President tal-Kummissjoni tirrifjuta li tagħti aċċess għall-messaġġi li skambjat mad-Direttur Ġenerali ta' Pfizer matul in-negozjati li wasslu għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' ordni għal 1,8 biljun doża ta' vaċċin kontra l-COVID-19, għal ammont ta' EUR 35 biljun. Il-kuntratt konkluż approva żieda fil-prezz tad-dożi ta' aktar minn kwart, minn EUR 15,5 għal EUR 19,5, fatt li żied b'mod sinifikanti l-marġni tal-laboratorju Pfizer askapitu tal-interessi Ewropej.

Il-Kummissjoni tgħid li hija ma arkivjatx il-kontenut ta' dawn il-messaġġi, u ma żżomm l-ebda "messaġġ istantanju" bl-iskuża li huma effimeri u mhux maħsuba li jkun fihom informazzjoni importanti dwar l-attività tal-Kummissjoni. Madankollu, in-negozjar ta' kuntratt bħal dan huwa ta' importanza enormi f'termini tal-użu ta' fondi pubbliċi u ta' politika tas-saħħa.

In-natura mhux daqstant trasparenti tan-negozjati mmexxija mill-Kummissjoni u r-rifjut li jiġu arkivjati u ppreżentati dawn il-messaġġi istantanji jistgħu jikkostitwixxu ksur tad-dritt fundamentali taċ-ċittadini li jkollhom aċċess għall-informazzjoni. Barra minn hekk, l-Ombudsman Ewropew ikkonkludiet ksur tad-dritt tal-UE f'dan il-każ. Il-Kummissjoni hija responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew u, abbażi ta' dan, il-President tagħha għandha tidher quddiemu sabiex twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.

1. Il-President tal-Kummissjoni tirrikonoxxi li aġixxiet b'mod mhux trasparenti, bi ksur tad-dritt fundamentali taċ-ċittadini li jiġu infurmati bl-azzjoni tal-istituzzjonijiet pubbliċi?
2. X'kien il-kontenut tad-diskussjonijiet bejn il-President u l-uffiċjali ta' Pfizer, u kif tispjega ż-żieda fil-prezz tad-dożi tatl-vaċċin għall-benefiċċju tal-manifattur u askapitu tal-interessi Ewropej?
3. X'impenji biħsiebha tiegħu l-Kummissjoni biex tirrevedi r-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti li ilhom fis-seħħ għal aktar minn 20 sena u l-politika tagħha stess f'dan il-qasam sabiex tiżgura livell aċċettabbli ta' trasparenza u responsabbiltà tal-istituzzjonijiet Ewropej?

Imressqa: 7.2.2022

Skadenza: 8.5.2022